



*Il-grupp ta' pelleġrini Żwieten ġewwa l-Lourdes immexxi mill-Isqof Galea u l-Arċipriet M. Spiteri fl-1957*

# Id-Devozzjoni lejn il-Madonna ta' Lourdes fiż-Żejtun

**Kitba tal-Kan. Dun Joe Abela**

**Għeluq il-150 sena**

Din is-sena – 2008 - il-knisja Kattolika qed tfakkar il-150 anniversarju mindu l-Verġni Maria dehret għal bosta drabi lit-tfajla Franċiża Bernardette Soubirous, fir-raħal ċkejken ta' Lourdes. Fil-fatt il-Papa preżenti Benedittu XVI żar dan is-santwarju fil-11 ta' Frar ta' din is-sena.

Kien nhar il-11 ta' Frar, 150 sena ilu, li l-Madonna dehret għall-ewwel darba liċ-ċkejkna Bernardette. Mhux l-intenzjoni tiegħi li nikteb f'dan l-artiklu l-istorja ta' dawn id-dehriet, storja li fl-aħħar mill-aħħar , il-qarrejja ta' dan il-programm tal-festa min jaf kemm-il darba semgħuha. Il-ħsieb tiegħi hu li niġbed l-attenzjoni tal-qarrejja lejn kulma għandna fiż-Żejtun li jfakkarna f'dawn id-dehriet u f'din id-devozzjoni.

**Lourdes**

Isem illum magħruf fid-dinja Kattolika kollha; isem li jilma bħas-silġ abjad fuq il-quċċata ta' l-għoljiet; isem safi bħas-sema kaħlani f'Massabielle; isem li jitlob bħal daqsxejn ta' raħħala mitfugħa fuq irkubtejha t-tnejn; isem, fuq kollox, imbierek u mfakkar mill-Insara kollha. Għaliex?

F'nofs is-seklu 19, tista' tgħid, ħadd ma kien qattsema' b'dan l-isem tar-raħal ċkejken Franċiż imrekken taħ il-Pirinej, il-muntanji li jifirdu Franza minn Spanja. Fl-1858 f'Lourdes ma kenux jgħixu aktar minn 5,000 ruħ, jaqilgħu x'jieklu minn dak li x-xmara Gave u l-għelieqi kienu jipprovdulhom. Raħal antic, ċkejken, imħares minn kastell, xhieda ta' passat imqalleb! Toroq dojoq u mibnija mingħajr ebda pjan tneħħi t-triq prinċipali. Bħal Malta il-post fl-imgħoddi kien abitat ukoll mir-Rumani u l-Għarab, u numru ta' turisti kienu jżuru dan il-lokal kwiet ukoll qabel id-dehriet tal-Verġni mbierka. Fil-fatt dan ir-raħal ta' Lourdes kien taħt il-ħarsien ta' Marija Immakulata.

**Bernardette Soubirous**

Il-bniet ta' Lourdes spiss kienu jmorru pellegrinaġġI mal-ġenituri tagħhom. F'dawn il-pellegrinaġġI huma kieni jilbsu l-abjad u l-ikħal bil-midalja u r-rużarju.Fost dawn it-tfajliet kien hemm Bernardette Soubirous, bint Francois Soubirous li kellu s-sengħa li jidħan il-qamħ fi dqid.Fis-sena 1858 Bernardette li kienet twieldet l-akbar fost tmint itfal, nhar is-7 ta' Jannar1844, allura kellha 14-il senaMindu kellha 6 snin kienet tbat bl-ażma, u meta kellha 10 snin il-marda kerha tal-kolera kienet kompliet dgħajfitha. Iżda kemm hu veru li l-Mulej iħares

"Kien nhar il-11 ta' Frar, 150 sena ilu, li l-Madonna dehret għall-ewwel darba liċ-ċkejkna Bernardette"



lejn u jippreferi d-dgħajjef u l-batut. Propju lil din it-tfajla fqira u nieqsa minn tant ħwejjeġ ta' din id-dinja, il-Verġni Marija riedet tidher u tagħti l-messaġġ tagħha. Il-Madonna dehritilha mhux anqas minn 18-il darba, bl-aħħar dehra nhar is-16 ta' Lulju,1858. Kellu jgħaddi żmien twil u Bernardette ħabbtet wiċċha ma' ħafna problemi, sakemm dak li qalet ġie aċċettat u emmnut.

**Ġużeppina Curmi ġewwa Lourdes**

Meta kollox qagħad u l-oppożizzjoni siktet, id-devozzjoni lejn il-Madonna ta' Lourdes xterdet f'ħafna pajjiżi Nsara fosthom, m'għandniex xi ngħidu, ukoll fil-Gżejjer Maltin. Sadattant Bernardette Soubirous kienet ittajret għal ħdan il-Mulej fis-sena 1879 fl-eta' ta' 36 sena. Wara li d-devozzjonijiet ta' Lourdes kienu ilhom rikonoxxuti mill-knisja ta' Tarbes, id-djoċesi tar-raħal ta' Lourdes għal 17 –il sena. Fl-1864 meta allura Bernardette kin għad kellha allura 20 sena, Ġużeppina Curmi, bint is-Sindku taż-Żejtun Dr. Paolo Curmi, twieldet fil-belt Valetta,iżda meta għad kellha biss sena waħda, il-ġenituri tagħha kienu diġa ġabuha fiż-Żejtun, fejn mhux biss trabbiet, iżda wkoll kompliet tgħix ħajjitha kollha; għexet matul is-snin meta d-devozzjoni lejn id-dehriet ta' Lourdes kienet fl-aqwa tagħha. Mhux ta' b'xejn li nibtet f'qalb is-Sinjorina Curmi ix-xewqa li xi darba tmur iżżur lill-Madonna ġewwa Lourdes. Meta kienet għadha tifla hi kienet tattendi l-iskola tas-Sorijiet ta' San Ġużepp f'Bormla. Fiż-żgħożija tagħha Ġużeppina kienet tgħallem id-duttrina lit-tfal foqra Żwieten fid-dar tal-ġenituri tagħha fi Triq Sant'Anġlu. Il-Mulej ried li fis-sena 1894, meta allura hi kellha diġa 30 sena, żewġ sorijiet ta' San Ġużepp kienu sejrin Lourdes. Ġużeppina malajr tablet il-permess biex tmur magħhom, u l-ġenituri kienu pronti qalulha "iva". F'Lourdes hi ħasset ġibda straordinarja għat-talb, u kkonvinċiet ruħha li Ġesu' kien qiegħed isejħilha biex timxi warajh. Allura deherilha li kienet imsejħa għall-ħajja reliġjuża u marret tħabbat il-kunvent ta' l-Immakulata f'Lourdes stess, risoluta li tidħol f'dik il-Kongregazzjoni. Iżda l-Mulej ma kienx qiegħed isejħilha biex tidħol ma' dawk ir-reliġjużi. Lura f'Malta kompliet tiġbor it-tfal foqra madwarha, u l-Arċipriet Dun Lawrenz Degabriele taha l-permess lit għallimhom fil-knisja ta' l-Ispirtu s-Santu. Sadattant l-esperjenza li kellha f'Lourdes Ġużeppina qatt ma nsietha. Għaddew xi snin u ġiet ispirata biex twaqqaf Kongregazzjoni ġdida taħt il-patroċinju ta' Ġesu' Nazzarenu. Mietet fis-sena 1931, iżda r-Reliġjużi ta' Ġesu' Nazzarenu qatt ma nsew minn xhiex il-fundatriċi tal-Kongregazzjoni tagħhom kienet għaddiet fiż-żjara memorabbli tagħha fir-raħal ta' Lourdes, ir-raħal tal-Verġni Marija.



Il-wasla ta' l-istatwa tal-Madonna fil-Knisja Parrokkjali. Din l-istatwa nġabet minn Lourdes u tbirket mill-Papa Piju XII.

**Il-grotta ta' Lourdes fl-Istitut Ġesu' Nazzarenu.**

Meta fis-snin ħamsin u sittin tas-Seklu 20, il-Kongregazzjoni,taħt id-direzzjoni għaqlija ta' l-Isqof Mons. Emanuel Galea, li allura kien jabita fl-istess Istitut, li kien għamlu ċ-ċentru ta' l-Apostolat tiegħu,ħadet ħsieb tibni l-kappella sabiħa li għandhom illum, ir-Reliġjużi ġustament ħassew il-ħtieġa li jibnu grotta mdaqqsa fuq wara tal-kappella, mhux biss biex ikabbru d-devozzjoni lejn il-Madonna ta' Lourdes,iżda wkoll biex din il-grotta tibqa' monument li jfakkarhom fl-esperjenza sabiħa tal-Madre Ġużeppina Curmi. F'din il-grotta l-istatwa tal-Verġni Marija hi fil-għoli ġmielu. Il-grotta spazjuża hi mżejna bi fjuri u pjanti li jixxebilku u takkomoda altar tal-ġebel, li kien ġie ikkonsagrat mill-istess Isqof Galea. Għal żmien twil kienet issir kull sena, nhar is-16 ta' Lulju, festa tal-Madonna tal-Karmnu, u l-Aħħar dehra f'Lourdes, pellegrinaġġ mill-knisja parrokkjali taż-Żejtun sa din il-grotta fejn wara kienet titqaddes quddiesa. Illum dan il-pellegrinaġġ isir mill-knisja ta' l-istess Istitut Ġesu' Nazzarenu. Fil-viċinanzi ta' din il-grotta hemm statwi tal-ġebel ta' Ġesu' Kurċifiss u ta' San Mikiel.

"Il-Mulej ried li fis-sena 1894, meta allura hi kellha diġa 30 sena, żewġ sorijiet ta' San Ġużepp kienu sejrin Lourdes. Ġużeppina malajr talbet il-permess biex tmur magħhom"

**Il-grotta ta' Lourdes annessa mal-knisja parrokkjali.**

Grotta oħra ta' Lourdes popolari fost iż-Żwieten hi dik marbuta mal-knisja parrokkjali, propjament parti mill-bini parrokkjali fi Triq San Girgor. Dun Mikiel Spiteri, Arċipriet taż-Żejtun, li bil-ħidma tiegħu u tal-prokuratur Dun Ġużepp Desira tela' dan il-bini, mill-bidu ta' dan



il-proġett kellu x-xewqa li jagħmel ukoll kappella dedikata lill-Madonna ta' Lourdes. Mhux l-ewwel darba li mar l-Awstralja u l-Amerika jiġbor fondi għal dan il-bini. F'Awissu tas-sena 1957 hu organizza pellegrinagg għal Lourdes, fejn il-pellegrini kellhom iżuru l-grotta tal-Madonna. Minn Lourdes xtraw statwa tal-Verġni Mbierka u biha għaddew Castelgandolfo Ruma, fejn kellhom udjenza storika mal-Q.T. il-Papa Piju XII li bierek din l-istatwa u lill-poplu Żejtuni. Il-pellegrini li barra l-Arċipriet kienu jinkludu lill-Isqof Emanuel Galea, il-prokuratur Dun Ġużepp Desira, Dun Karm Galea, Dun Karm Bajjada, l-imgħallem tal-bini parrokkjali Ġanni Vella u lis-Sur Ġużi Attard biex inkunu semmejna ftit minnhom – għaliex il-grupp kien jgħodd madwar 60 ruħ – wasslu l-istatwa tal-Madonna saż-Żejtun. Sadattant il-kappella għaliha kienet kważi lesta. Carmelo Cassar ħejja grotta bil-ġebel tal-gagazza u l-imgħallem Ġanni ħa ħsieb itella' altar tal-ġebel quddiem il-grotta. Dan l-altar ġie ikkonsagrat mill-Isqof Emanuel Galea fis-sena 1957 u li meghjun minn huh il-Kan. Franġisku Galea u mill-Kan. Ġiovanni Vella qaddes l-ewwel quddiesa quddiem din il-grotta. L-Arċisqof Mikiel Gonzi ta indulġenzi lil min jitlob quddiem din ix-xbieha tal-Madonna. Għal snin twal kien jitqaddes quddies f'din il-kappella u jingħad it-talb b'mod speċjail fil-ġranet tad-dehriet tal-Madonna.



**Pittura fil-knisja parrokkjali.**
Waħda mill-erba' pendenti fil-kappella tal-Madonna tal-karita' fil-knisja Parrokkjali taż-Żejtun tirrappreżenta lill-Verġni Marija tidher lil Santa Bernardette fil-grotta ta' Lourdes. Il-Verġni Marija hija liebsa l-abjad b'faxxa ċelesti madwar qaddha u b'kuruna tar-Rużarju mdendla minn drieghha tal-lemin. Ħarsitha hi pjuttost il-fuq u fuq warajha tidher is-solitu raġġiera. Santa Bernardetta hi għarkuptejha fuq il-blat, b'idejha t-tnejn miftuħin tħares lejn id-dehra sabiħa tal-Madonna titlobha u tammira xena hekk stupenda. Dan il-kwadru flimkien mat-tliet pendenti l-oħra – Marija Protettriċi ta' l-Insara, Marija Nkurunata mit-Trinita' Mqaddsa u t-Tlugħ ta' Marija fis-Sema – ġiet impittra miż-Żejtuni Tuse' Busuttil li, bħas-soltu ma naqasx li jdaħħal xena rustika fir-rokna tal-pendent.

**Niċeċ f'postijiet pubbliċi.**
It-toroq taż-Żejtun, bħat-toroq ta' rħula oħra qodma huma mżejna b'numru sewwa ta' niċeċ reliġjużi, xhieda tas-sentimenti reliġjużi ta' missirijietna. Naturalment fiż-Żejtun l-aktar komuni huma dawk ta' Santa Katarina u tal-Verġni Marija, l-aktar taħt it-titli tar-Rużarju u tal-Karmnu. Iżda niltaqgħu ukoll ma' xi wħud iddedikati lill-Madonna ta' Lourdes. Waħda mill-isbaħ qegħda fi Triq San Girgor faċċata ta' l-Istitut Ġesu' Nazzarenu. Sfortunatament il-kitba li hemm taħtha m'għadiex tinqara, iżda n-niċċa hi mibnija b'sengħa kbira. Tidher il-Madonna b'Santa Bernardetta quddiemha ġewwa grotta magħmulha mill-ġebel tal-gagazza, li x'aktarx kien jinġieb minn naħiet ta' Ħad-Dingli. L-arkitettura hija rfinuta : żewġ pilastri li jitilgħu minn fuq il-bażi b'kapitelli Joniċi fuqhom li jerfgħu ġmiel ta' "entablature", magħmul mill-arkitrav, friż u gwarniċ. Fuq nett, fuq 'broken elliptical pediment' kollox hu nkurunat b'salib. Ħasra li niċċa daqshekk sabiħa għadha ma ġietx restawrata, tant li sħansitra l-għasafar qed ibejtu fiha! Niċċa oħra artistika qegħda fuq gallarija f' Misraħ Bandolier. Din hija iżgħar minn dik li semmejna, iżda mhix anqas iddekorata b'sengħa arkitettonika. Din id-darba il-kapitelli huma korinti u 'nome di Maria' hi skolpita taħt il-Madonna.
Niċċa oħra tal-Madonna ta' Lourdes tinsab fi Triq Lorenzo Gafa'. Hi miżbugħa b'kulur ċelesti, u l-arkitettura tagħha hija kompletament differenti mit-tnejn l-oħra. Flok pilastri għandek żewġ kolonni u l-kitba ta' l-indulġenzi mogħtija mill-Isqof Pietru Pace nhar l-4 ta' Marzu, 1895 hi ċara ħafna.
Niċċa pjuttost sempliċi tinsab fl-bitħa tal-Mużew tal-Bniet. Ħadimha Karmenu Cremona fin-nofs tas-seklu 20. Il-kapitelli huma doriċi u n-naħa t'isfel hi mżejna b'żewġ stilel. Niċeċ oħra jinsabu fil-ġonna u btieħi privati. ■

"Minn Lourdes xtraw statwa tal-Verġni Mbierka u biha għaddew Castelgandolfo Ruma, fejn kellhom udjenza storika mal-Q.T. il-Papa Piju XII li bierek din l-istatwa u lill-poplu Żejtuni. Il-pellegrinili barra"